MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru 1138/2014

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Justin Polidano**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Justin Polidano ta’ 29 sena, bin Joseph u Benedicta nee’ Debono, mwieled Pieta’ fit- 28 ta’ Frar 1985, residenti Fontana Flat 2, Triq San Gorg, Safi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 177285M;

Talli;

1) fil- lejl bejn it- 13 u l- 14 ta' April 2007, ittanta li jisraq minn residenza bin- numru 55 li tinsab gewwa Sqaq Ganton Zabbar ghad- dannu ta' Paola u Jane Schembri, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill- volonta tieghu liema attenta huwa aggravat bil- mezz, bil- lok u bil-hin;
2) aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- Artiklu 7 tal- Kap 446 tal- ligijiet ta' Malta impost fuqu b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr A. J. Vella LL.D datata 5 ta' Gunju 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat li dan ir-reat kien jirrisali ghal aktar minn seba' snin ilu, u barra minn hekk kien jittratta tentattiv ta' serq, fejn ma saret ebda hsara jew telf ta' partimonju ta' terzi jew tal-pubbliku;

Rat, inoltre, li l-imputat jinsab detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u ghandu diversi sentenzi x'jiskonta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq

skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(e)(f), 263(a), 269(g), 270 u 278 (3) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------